DEĊIŻJONI (UE) 2019/2216 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Novembru 2019

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/298 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/36)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) ([1]) tirreferi għall-istabbiliment ta' provvediment għal riskji finanzjarji fil-karta tal-bilanċ tal-Bank Ċentrali Ewropew. Jeħtieġ li ssir referenza għal din id-dispożizzjoni għal riskji finanzjarji fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) ([2]).

(2) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/298 (BĊE/2014/57) huwa mibdul b'dan li gej:

"B'deroga mill-Artikolu 2, il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja jekk id-dħul kollu tal-BĊE, jew parti minnu, li jissemma f'dak l-Artikolu għandux jinżamm sal-punt meħtieġ biex jiġi żgurat li l-ammont tad-dħul imqassam ma jaqbiżx il-profitt nett tal-BĊE għal dik is-sena. Kull deċiżjoni ta' dan it-tip għandha tittieħed meta, fuq il-bażi ta' stima mmotivata mħejjija mill-Bord Eżekuttiv, il-Kunsill Governattiv ikun jistenna li l-BĊE ser ikollu telf ġenerali annwali jew ser jagħmel profitt nett annwali li jkun inqas mill-ammont stmat tad-dħul tiegħu msemmi fl-Artikolu 2. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja li jittrasferixxi d-dħul kollu tal-BĊE li jissemma f'dak l-Artikolu, jew parti minnu, lejn provvediment għal riskji finanzjarji."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2019.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([1]) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2247 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/298 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/57) (ĠU L 53, 25.2.2015, p. 24).